MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 1321/1996/2

**Dr Renato Cefai ghan-nom u in rapprezentanza bhala prokuratur specjali ta' Tarros International s.p.a illum maghrufa Tarros s.p.a**

**v.**

**Valletta Freight Services Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fl-24 ta' April, 1996, li taqra hekk:

“Billi s-socjeta` konvenuta kienu dahlu f’liner agency agreement mas-socjeta` attrici, kif jidher mid-Dokument hawn esebit tal-25 ta’ Lulju 1991 (Dokument A), u dan ghax-xoghohl ta’ agenzija hemm specifikat;

“U billi skond l-istess ftehim dak il-kuntratt kellu jigi regolat mil-ligi Taljana, u kull kontroversja bejn il-partijiet kellha tigi sottomessa ghal arbitragg f’Monte Carlo, skont ir-regoli tac-“Chambre Arbitrale Maritime de Monaco”
“U billi fil-kors tal-esekuzzjoni tal-istess kuntratt is-socjeta` konvenuta saret debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta’ mija u tmienja u erbghin elf seba’ mija u seba’ Liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (LM148,707.42), li saru dovuti lis-socjeta` attrici fil-kors tal-esekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt ta’ agenzija u fit-termini tal-istess kuntratt;

“U billi meta inqalghu kwistjonijiet bejn il-partijiet dwar l-esekuzzjoni u pagamenti taht il-fuq imsemmi kuntratt l-istess kwistjoni giet riferita lit-Tribunal arbitrarli miftiehem skont kif kontemplat mir-regoli tal-istess Tribunal;

“U billi t-tribunal arbitrarli fuq imsemmi f’lodo tad-29 ta’ Jannar 1996 iddecieda li s-socjeta` konvenuta kellha thallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali tenut kont ta’ kompensazzjoni ta’ krediti ta’ LM76,418.28, kif ukoll nofs l-ispejjez tal-istess arbitragg f’total ta’ franki francizi 17500;

“U billi s-socjeta` konvenuta baqghet ma affettwat l-ebda wiehed minn dawn il-pagamenti dovuti;

“Tghid l-istess socjeta` konvenuta ghaliex m;ghandhiex din il-Qorti:

“1. tiddikjara esegwibbli f’Malta l-lodo arbitrarli moghti mic-Chambre Arbitrale Maritime de Monaco bejn il-partijiet fid-29 ta’ Jannar 1996, kopja ta’ liema hija hawn esebita u mmarkata “Dokument B”, u tordna l-esekuzzjoni tal-istess;

“2. konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta’ sitta u sebghin elf erba’ mija u tmintax (LM76,418.28), u

dan in vista tal-obbligi mill-istess socjeta` konvenuta assunti fuq il-liner agency agreement;

“3. kif ukoll tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici nofs l-ispejjez tal-istess arbitragg f’total ta’ flus Maltin ekwivalenti ghal sbatax-il elf u hames mitt franki francizi (17500);

“Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut kontra s-socjeta` konvenuti, li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi

“1. Illi in linea preliminari, il-lodo arbitrali imsemmi fic-citazzjoni hu konfliggenti mal-“public policy” ta’ Malta, ghax id-decizjoni fih kontenuta nkisbet minn frodi jew korruzzjoni, u fl-istess formolazzjoni tad-decizjoni arbitrali, kif ukoll fil-proceduri quddiem it-Tribunal ta’ Monaco, saru diversi kontravenzjonijiet tar-regoli tal-gustizzja naturali, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“2. In linea preliminari wkoll il-lodo arbitrali de quo ma ghandux jinghata gharfien u ezekuzzjoni minn din il-Qorti, ghax kif ser jigi provat, il-parti tal-agency agreement li holqot l-arbitragg ma kienetx valida ghax il-kunsens tas-socjeta` konvenuta kien vizzjat; ghax is-socjeta` konvenuta ma nghatatx zmien bizzejjed biex tipprepara l-kaz taghha, ghaliex il-lodo fih decizjonijiet “extra petita” u li jmorru lil’ hinn mill-ghan tal-arbitragg, u ghax ma gietx deciza l-oggezzjoni tas-socjeta` konvenuta li l-“forum” tat-tilwima kellha tkun il-Qorti Maltija.

“3. Illi subordinatament u fil-mertu mhux minnu li s-socjeta` attrici ghandha taghti l-ammont mitlub fit-tieni talba, izda ghandha taghti l-ammont ferm izghar ta’ sitt elef mitejn u wiehed u disghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmi (LM6291.91c0m), kif jidher mill-prospett (Dok. X) hawn anness.

“4. Illi ghalhekk ukoll qed issir l-infraskritta kontro-talba biex l-istess lodo jjigi dikjarat mhux esegwibbili u li ma

ghandux jinghata gharfien quddiem din il-Qorti u biex din il-Qorti tiddeciedi li effettivament l-uniku ammont li hu verament dovut lill-attur noe. hu dak imsemmi fiil-paragrafu precedenti."

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta li taqra hekk:

"1. Illi s-socjeta` estera rapprezentata mill-attur noe. Ottjeniet lodo arbitrali kontra s-socjeta` Valletta Freight Services Limited, mic-Chambre Arbitrale Maritime de Monaco fid-29 ta' Jannar, 1996, fis-sens li s-socjeta` estera msemmija, Tarros International Spa. somma bilancjali ta' sitta u sebghin elf, erba mija u tmintax il-lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM76, 418.28c), kif ukoll nofs l-ispejjez tal-istess arbitragg f'total ta' franki francizi sbatax-il elf u hames mitt frank FF17,500.

"2. Illi dan il-lodo jmur kontra l-public policy ta' Malta, ghax fih ma gewx segwiti l-principji tal-gustizzja naturali, jekk mhux ukoll kien vizzjat minn frodi u korruzzjoni, ghax ma gietx deciza b'mod preliminari u b'mod motivat l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` Maltija "a limine litis" li t-Tribunal Arbitrali ta' Monaco ma kellux gurisdizzjoni biex jisma' u jiddeciedi l-kaz, ghax il-forum kellu jkun Malti, u l-ligi li kellha tirregola l-vertenzi bejn il-partijiet kellha tkun il-ligi Maltija, kif ukoll ghax il-lodo fih decizjonijiet "ultra petita" u "extra petita" favur is-socjeta` estera Tarros International Spa. li jmorru lil hinn mil-ghan tal-arbitragg, u anki ghaliex is-socjeta` Maltija ma nghatatx zmien bizzejjed kif mehtieg biex tipprepara l-kaz u d-difiza taghha.

"3. Illi ghalhekk dan il-lodo fuq imsemmi ma ghandux jinghata gharfien u esekuzzjoni mill-Qrati Maltin.

"4. Illi fil-fatt l-ammont ammess u realment dovut mis-socjeta` Valletta Freight Services Limited lis-socjeta` Tarros International Spa. huwa dak ta' sitt elef, mitejn u wiehed u disghin lira u wiehed u disghin centezmu (LM6291.91c0m) kif jirrizulta mill-prospett hawn anness (Dok. X) u la dak ta' mija u tnejn u erbghhin elf, disa' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM142,9928.33) mitluba mis-socjeta` estera fil-claim

taghha quddiem it-Tribunal Arbitrali, lanqas dak determinat “ultra petita” u “extra petita” mill-istess Tribunal fis-somma ta’ mija u tmienja u erbghin elf, seba’ mija u seba’ liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (LM148707.42) u lanqas dak bilancjali ffissat mill-istess Tribunal Arbitrali ta’ Monaco fl-ammont ta’ sitta u sebghin elf, erba’ mija u tmintax-il lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM76,418.28c).

“5. Titlob ghalhekk li Dottor Renato Cefai noe. Jghid ghaliex:-

(i) m’ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti li l-lodo tac-Chambre Arbitrale Maritime de Monaco tad-29 ta’ Jannar, 1996, fil-vertenza bejn il-partijiet f’din il-kawza, m’ghandux jinghata gharfien u esekuzzjoni minn din il-Qorti, ghax hu kontra l-“public policy” ta’ Malta, ghax kemm fih u kif ukoll fil-proceduri li wasslu ghalih, inkisru diversi regoli tal-gustizzja naturali, u kien ukoll kien vizzjat minn frodi u korruzzjoni; ghax ma gietx deciza b’mod preliminari u motivata kif suppost l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited li t-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni u li l-“proper law” tal-kuntratt kellha tkun il-ligi ta’ Malta, kif ukoll ghax il-lodo fih decizjonijiet “ultra petita” u “extra petita” u li jikkonfliggu mieghu stess fejn gie ritenut li t-Tribunal ma setax jiehu konjizzjoni ta’ certi partiti li kienu jirrizalu ghar-relazzjonijiet bejn il-partijiet anterjuri ghall-iffirmar tal-istess agreement; u anki ghax is-socjeta` Maltija ma nghatatx zmien bizzejjed biex thejji d-difiza u r-risposta taghha.

(ii) ghaliex ukoll m’ghandux jigi dikjarat u deciz li l-forum ghar-rizoluzzjoni tal-vertenzi bejn il-partijiet ghandu jkun dak Malti u fil-Qrati Maltin u li l-ligi applikabbli ghandha tkun biss il-Ligi ta’ Malta, u dana peress li s-socjeta` Valletta Freight Services Limited hija socjeta` registrata f’Malta, il-Liner Agency Agreement gie ffirmat u esegwit f’Malta, il-fatti kollha rilevanti u x-xhieda taghhom, kif ukoll id-dokumenti jinsabu f’Malta u l-istess Agreement huwa redatt bl-Ingliz li hija wahda miz-zewg lingwi ufficjali ta’ Malta, u n-negozju kollu li dwaru hemm kwistjoni zvolga ruhu gewwa Malta.

(iii) ghaliex konsegwentement m’ghandux ukoll jigi deciz illi l-ammont realment dovut mis-socjeta` Tarros International Spa. huwa dak minnha ammess ta’ sitt elef, mitejn u wiehed u disghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (LM6291.91c0m) u mhux dak bilancjali ordnat fil-lodo impunjat.

(iv) u li ergo u ghall-istess ragunijiet is-socjeta` Valletta Freight Services Limited m’ghandhiex thallas l-ispejjez jew xi parti mill-ispejjez tal-istess lodo.

“Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta’ Mejju 1996 u tat-8 ta’ Awwissu, 1996 – kontra Dottor Renato Cefai noe. li jibqa’ ingunt minn issa ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur nomine ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepixxa illi;

“Illi l-kontrotalba hija nulla u rritwali ghaliex ma tiddeduci l-ebda talba separata u distinta mill-azzjoni tal-atturi u l-meritu ta’ dik il-kontrotalba huwa kompriz kompletament fl-eccezzjonijiet;

“Illi t-talba ghal dikjarazzjoni li l-konvenut huwa debitur tal-attur f’ammont inferjuri ghal dak pretiz fic-citazzjoni hija kompetament superfluwa ghax naturalment inkluza fit-talba ghall-kundanna ta’ hlas pretiz mill-attur dedotta in gudizzju;

“Illi l-kwistjonijiet sollevati mill-konvenut ma humiex opponibbli ghall-esekuzzjoni ta’ lodo barrani;

“Illi fil-meritu l-lodo ma hux affett mill-vizji pretizi, u l-kwistjoni hija regolata mil-ligi maghzula mil-istess partijiet. It-tribunal arbitrali kien kompetenti jiddeciedi in materja kif definittivament ghamel.

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Marzu, 2001, li in forza taghha cahdet

l-ewwel zewg eccezzjonijiet moghtija mis-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha;

Rat li minn din is-sentenza preliminari kien sar appell mis-socjeta` konvenuta, izda din il-Qorti, b'sentenza moghtija fit-3 ta' Novembru, 2006, cahdet l-appell, ikkonfermat is-sentenza appellata u ordnat li l-atti jintbaghtu lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skont il-ligi; bl-ispejjez tal-appell jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti;

Rat it-tieni sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju, 2009, li in forza taghha cahdet it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cahdet ukoll it-tielet kontro-talba, bl-ispejjez kontra taghha;

Dik il-Qorti tat din is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjoniiet:
"Waqt is-smigħ tal-kawża, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, il-partijiet għamlu dan il-verbal:

""Il-meritu tat-tielet eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta u tat-tielet talba rikonvenzjonali jitratta meritu li ġie trattat u deċiż fil-proċeduri arbitrali ġewwa Monaco.

"Fid-dawl ta' dan l-Av. Cassar Pullicino [għas-soċjetà attriċi] joġġezzjona li jinġiebu provi fuq meritu ġà deċiż u ġà rifless fil-*lodo* arbitrali u talab lill-qorti li titratta u tiddeċiedi jekk l-eċċezzjoni hawn fuq riferita hix sostenibbli jew le billi mhux leċitu li jerġa' jinfetaħ il-meritu tal-proċeduri arbitrali fil-kawża odjerna fejn qed tintalab l-esekuzzjoni tal-istess *lodo* arbitrali.

"L-Av. Galea Debono [għas-soċjetà konvenuta] twieġeb illi fl-ewwel lok għal din it-tielet eċċezzjoni u tielet … … … kontro-talba ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni bhal dik odjerna li ngħatat mis-soċjetà attriċi u għalhekk tali oġġezzjoni ma tistax titqajjem f'dan l-istadju daqshekk tardiv tal-kawża;  illi fit-tieni lok din l-eċċezzjoni, li hija t-tielet raġuni valida għalfejn il-*lodo* arbitrali m'ghandux jiġi reż eżegwibbli, għandha tiġi trattata fil-meritu kif diġà sar fl-ewwel u fit-tieni eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà konvenuta;  illi *di più* meta wieħed jaqbel illi dan il-meritu

ġà ġie ttrattat waqt il-proceduri arbitrali, dan irid jigi ikkwalifikat fis-sens illi allavolja s-soċjetà konvenuta esebiet *statement* dwar dak illi kellha tħallas [lil] u titħallas mingħand is-soċjetà attriċi, dan ġie kważi għal kollox injorat u skartat fl-istess *lodo* u dan ikompli jsaħħaħ il-fatt illi qabel ma jiġi deċiż jekk il-*lodo* jistax jiġi reż eżegwibbli, din l-eċċezzjoni għandha tiġi ttrattata fl-intier tagħha u sussegwentement deċiża."

"Billi l-qorti kienet tal-fehma illi kellu jiġi deċiż dan il-punt qabel ma jitkompla s-smigħ ordnat illi ssir trattazzjoni dwaru. Il-partijiet għamlu l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub: is-soċjetà konvenuta b'nota tat-22 ta' Diċembru 2008 u s-soċjeta attriċi b'nota tas-6 ta' Frar 2009. Il-kawża ġiet imbagħad differita "għall-provvediment dwar l-istess kwistjoni u, jekk ikun il-każ, dwar it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta u t-tielet kontro-talba tagħha".

"Kif ġà kellha okkażjoni tosserva fis-sentenza tal-20 ta' Marzu 2001, il-qorti terġa' ttenni illi "billi dawn il-proċeduri tallum ma humiex appell mil-*lodo*, ma hux il-każ li l-qorti tistħarreġ dwar il-meritu u dwar jekk il-konklużjonijiet tat-tribunal kinux tajbin jew le, jew jekk il-konklużjoni kinitx tkun oħra li kieku l-każ instema' mill-bidu quddiem din il-qorti".

"Il-kwistjonijiet maqtugħa u deċiżi fil-*lodo* arbitrali huma magħluqa u għalxejn tinstema' xiehda dwar il-meritu ta' dawk il-kwistjonijiet. Ġà ġew ukoll minn din il-qorti u mill-Qorti tal-Appell miċħuda eċċezzjonijiet li jgħidu illi l-*lodo* ma għandux jingħata għarfien f'Malta u illi t-tribunal arbitrali ma kellux ġurisdizzjoni. Huwa għalhekk deċiż finalment illi l-bilanċ li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lil dik attriċi huwa daqskemm jingħad fil-*lodo* arbitrali u mhux daqskemm tippretendi l-konvenuta fit-tielet eċċezzjoni u fit-tielet kontro-talba tagħha. Inutli għalhekk illi jkomplu jinstemgħu xiehda dwar dan; fiċ-ċirkostanzi, l-insistenza tas-soċjeta konvenuta li tkompli tressaq xiehda dwar dan il-meritu hija x'aktarx vessatorja. Huwa daqstant ieħor ovvju illi t-tielet eċċezzjoni u t-tielet kontro-talba tas-soċjeta konvenuta għandhom jiġu

miċħuda, ladarba ġà ngħatat deċiżjoni dwar il-meritu tagħhom fil-*lodo* arbitrali."

Rat li, wara din is-sentenza, is-socjeta` konvenuta ressqet rikors kostituzzjonali (numru 18/10) peress li allegat li sofriet vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq kif protett fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, izda l-ewwel Qorti, b'digriet tad-29 ta' April, 2010, cahdet talba maghmula mis-socjeta` konvenuta ghas-soprassessjoni tas-smiegh ta' din il-kawza pendenti l-ezitu tar-rikors kostituzzjonali;

Rat is-sentenza finali moghtija mill-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Gunju, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"… … … wara li tkompli tiċħad il-kontro-talbiet tas-soċjeta konvenuta u ġà ċahdet l-eċċezzjonijiet tagħha, tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta attriċi:

"1. tgħid illi jista' jiġi esegwit f'Malta il-*lodo* arbitrali mogħti mix-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco* fid-29 ta' Jannar 1996;

"2. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi l-bilanċ ta' sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28) – daqs mija u tmienja u sebgħin elf u sitt euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€178,006.71); u

"3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas ukoll sbatax-il elf u ħames mitt frank franċiż (FF 17,500) – daqs elfejn sitt mija u sebgħa u sittin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€2,667.86).

Tikkundanna lill-konvenuta tħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża u l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni."

Dik il-Qorti tat din is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-partijiet kellhom relazzjoni kummerċjali li kienet regolata bi ftehim tal-25 ta' Lulju 1991[1]. F'dak il-ftehim kien hemm

[1] *Foll.* 5 *et seqq.*

*inter alia* pattijiet ta' għażla ta' liġi u ta' arbitraġġ li jgħidu hekk:

"6.00 Duration and General

"6.02 This Agreement is subject to Italian Law.

"6.04 Any controversy about interpretation, fulfilment or termination of this Agreement or claims arising out of or relating to this Agreement shall be referred to Arbitration in Montecarlo in the event that an amicable agreement between both parties cannot be reached; arbitration will be made in accordance with the Rules of *Chambre Arbitrale Maritime de Monaco*, *arrêt nº 73/329*, and award will be binding and final and will be brought to execution before any Court having jurisdiction.

"Il-ftehim kien jistipula wkoll li kull waħda mill-partijiet setgħet ittemm ir-relazzjoni kummerċjali mal-oħra billi tgħarrafha bil-miktub mill-anqas sitt xhur qabel[2]. L-attriċi nqdiet b'din l-istipulazzjoni u temmet il-ftehim fl-1995. Billi, meta ġew biex jagħalqu l-kontijiet, il-partijiet ma setgħux jaqblu dwar x'kellha tagħti u x'kellha tieħu kull waħda minnhom, l-attriċi nqdiet bil-patt ta' arbitraġġ biex tqiegħed it-tilwima quddiem arbitri. L-attriċi ħatret arbitru, il-konvenuta ħatret ieħor, u ż-żewġ arbitri maħtura mill-partijiet flimkien ħatru arbitru ieħor bħala president tat-tribunal arbitrali.

"It-tribunal ta l-*lodo* tiegħu fid-29 ta' Jannar 1996[3]. Sab illi, wara li ssir tpaċija, il-konvenuta jifdlilha tagħti lill-attriċi sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28), bl-imgħax bl-għaxra fil-mija (10%) fis-sena b'seħħ mis-7 ta' Settembru 1994, flimkien ma' sbatax-il elf u ħames mitt frank franċiż (FF 17,500) nofs l-ispejjeż ta' l-arbitraġġ.

"L-attriċi qiegħda issa, b'dawn il-proċeduri, tfittex l-esekuzzjoni ta' dan il-*lodo* hawn Malta; il-konvenuta

2 Patt 6.01, *fol.* 13.

3 *Foll.* 15 *et seqq.*

opponiet it-talba għar-raġunijiet imsemmija fl-eċċezzjonijet tagħha li, kif rajna, ġew kollha miċħuda.

"Kif rajna wkoll, il-konvenuta fl-ewwel kontro-talba qiegħda titlob illi l-*lodo* ma jingħatax għarfien u esekuzzjoni minn din il-qorti għall-istess raġunijiet li fuqhom huma msejsa l-eċċezzjonijiet tagħha. Kif imfisser fis-sentenzi fuq imsemmija, li bis-saħħa tagħhom ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet, ir-raġunijiet imressqa mill-konvenuta kontra l-validità tal-*lodo* huma kollha ħżiena u għalhekk l-ewwel kontro-talba, imsejsa fuq l-istess raġunijiet, ma tistax tintlaqa' u hija miċħuda.

"Fit-tieni kontro-talba l-konvenuta trid illi l-qorti tgħid illi l-*forum* li għandu jisma' u jaqta' dwar vertenzi bejn il-partijiet huwa l-qorti ta' Malta, u li l-liġi li tgħodd għall-każ hija l-liġi ta' Malta.

"Kemm l-għażla tal-*forum* kif ukoll l-għażla tal-liġi huma regolati bil-ftehim bejn il-partijiet. Kif intqal fis-sentenza ta' din il-qorti tal-20 ta' Marzu 2001 u fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Novembru 2006 il-pattijiet dwar l-għażla tal-liġi u l-patt ta' arbitraġġ jiswew, u l-ftehim jorbot kemm lill-attriċi u kemm lill-konvenuta. Billi, skond dak il-ftehim, il-*forum* kompetenti kellu jkun ix-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco*, u mhux il-qorti tal-Malta, u l-liġi li tirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet kellha tkun il-liġi tal-Italja, u mhux dik ta' Malta, it-tieni kontro-talba wkoll ma tistax tintlaqa' u hija miċħuda.

"Fir-raba' kontro-talba l-konvenuta trid illi l-qorti tgħid illi ma għandhiex tħallas l-ispejjeż tal-*lodo* jew xi parti minnhom. Dwar l-ispejjeż hemm deċiżjoni fil-*lodo* stess, mogħtija mit-tribunal arbitrali li kellu l-kompetenza jagħti deċiżjoni fuq l-ispejjeż ukoll. Billi għalhekk id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż bi ftehim bejn il-partijiet kellha titħalla f'idejn it-tribunal arbitrali, din il-qorti ma għandhiex kompetenza biex tagħti deċiżjoni fuq l-ispejjeż tal-*lodo*, u l-kontro-talba hija għalhekk miċħuda.

"Billi ebda waħda mill-eċċezzjonijiet u mill-kontro-talbiet imressqa mill-konvenuta kontra l-validità tal-*lodo* ma

nstabet illi hija tajba, il-patt arbitrali għandu jitqies illi jiswa u ma hemm ebda raġuni illi għandha żżomm lil din il-qorti milli tilqa' t-talbiet tal-attriċi."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

"(i) tirrevoka s-sentenza in parte moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2009 fil-kawza fl-ismijiet fuq indikati, u (ii) tirrevoka wkoll id-digriet tal-Qorti Civili Prim' Awla tad-29 ta' April 2010 fejn cahdet it-talba tas-socjeta` konvenuta appellanti ghas-soprassjoni u minflok tordna l-istess soprasessjoni sakemm ikun maghruf l-ezitu finali tal-proceduri Kostituzzjonali fuq imsemmija, u (iii) tirrevoka wkoll is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Gunju 2010 fil-kawza fl-ismijiet fuq indikati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat, u tirrinvija l-process lill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili (okkorrendo diversament preseduta) sabiex fl-ewwel lok il-kawza tistenna l-ezitu tal-proceduri Kostituzzjonali, u f'kull kaz, wara li dawn il-proceduri jintemmu, sabiex jinstemghu l-provi kollha necessarji fir-rigward tat-tielet eccezzjoni u tat-tielet u r-raba' konto-talba tal-esponenti appellanti, u sabiex jigu trattati u decizi mill-gdid it-tielet eccezzjoni u t-tielet u r-raba' kontro-talba tal-esponenti appellanti, bl-ispejjez ukoll ta' din l-istanza tal-appell kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tal-attur nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex l-appell intavolat mis-socjeta` konvenuta appellanti jigi michud bl-ispejjez;

Semghet lid-difensur tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi l-meritu principali ta' din il-kawza jiccentra fuq it-talba tas-socjeta` estera, rapprezentata f'dawn il-proceduri mill-Avukat Renato Cefai, illi tigi enforzata hawn Malta lodo arbitrali li nghata gewwa Monaco fil-kuntest ta' tilwima li

nqalghet bejn il-partijiet li kellhom relazzjoni kummercjali li kienet regolata bi ftehim datat il-25 ta' Lulju, 1991. Is-socjeta` konvenuta resqet diversi argumenti kontra t-talba attrici, li kollha gew michuda. L-ewwel zewg eccezzjonijiet taghha gew michuda wara sentenza li tat din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2006, u kwindi l-meritu ta' dawk l-eccezzjonijiet jinsab maghluq.

Is-socjeta` konvenuta qed tilmenta principalment mill-fatt li, wara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Novembru, 2006, l-ewwel Qorti kellha tisma' provi fuq l-eccezzjonijiet l-ohra taghha u t-talbiet rikonvenzjonali taghha, fil-waqt li dak li gara kien li l-ewwel Qorti cahdet it-tielet eccezzjoni taghha u t-tielet kontro-talba minghajr ma semghet provi. Hi riedet tappella minn din is-sentenza (tat-2 ta' Lulju, 2009), imma l-ewwel Qorti, bi provvediment moghti fid-29 ta' Jannar, 2010, cahdet it-talba wara li qieset ukoll "*illi l-insistenza tal-konvenuta li tressaq provi dwar meritu li ma ghandux aktar relevanza hija vessatorja u fiergha, u vessatorja wkoll hija t-talba maghmula fir-rikors tas-7 ta' Lulju, 2009,* (li fih tlabet opportunita` ta' appell mis-sentenza tat-2 ta' Lulju, 2009), *li ma hijiex hlief tentattiv tal-konvenuta li tkompli ttawwal ghalxejn il-proceduri*".

Wara dawn l-episodji, is-socjeta` konvenuta ressqet ilment ta' natura kostituzzjonali peress li allegat li gie miksur id-dritt taghha ghal smiegh xieraq; dawk il-proceduri ghadhom pendentii quddiem il-qorti kompetenti. Is-socjeta` konvenuta talbet lill-ewwel Qorti ma tkomplix tisma' l-kaz qabel ma jigu decizi l-proceduri kostituzzjonali, izda l-ewwel Qorti cahdet din it-talba b'digriet moghti fl-udjenza tad-29 ta' April, 2010. Is-socjeta` konvenuta qed tappella wkoll minn dan id-digriet. L-ewwel Qorti tat is-sentenza finali taghha fl-4 ta' Gunju, 2010 fejn laqghet it-talbiet attrici u cahdet dawk rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta.

Din il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni estensiva u mqanqla li ghamlet id-difensur tas-socjeta` konvenuta, tara li, fil-verita`, l-aggravji taghha huma kollha bla bazi u mhux sostenibbli fid-dritt. Meta gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta bis-sentenza li

tat din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2006, gew michuda l-eccezzjonijiet kollha li setghu jitressqu fil-konfront ta' talba ghall-esekuzzjoni ta' lodo arbitrali. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "**Schoeller International GMBH et v. Ellul et.**, deciza fl-10 ta' Mejju, 2005, f'kaz ta' talba ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza estera (u l-istess principji ghandhom japplikaw f'kaz ta' lodo arbitrali), il-funzjoni tal-Qorti lokali hu limitat u cirkoskritt bil-ligi, u zgur ma jwassalx ghall-ftuh mill-gdid tal-meritu deciz mit-tribunal esteru. Gie osservat f'dik is-sentenza hekk a propositu:
"*F'dan il-kuntest din il-Qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost tal-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12. F'dawn ic-cirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta' Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a) tista' tigi attakkata ghal xi raguni li, skont il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taghti lok ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12, (b) li f'kaz ta' sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skont il-ligi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi dispozizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta.*"

L-ezami ta' kompatibbilita` tal-lodo mal-provvedimenti tal-ligi Maltija sar minn din il-Qorti fl-ghoti tas-sentenza tat-3 ta' Novembru, 2006, u ftit li xejn jista' jsir aktar. Meta din il-Qorti irrinvjat l-atti lura lill-ewwel Qorti "*ghall-kontinwazzjoni skont il-ligi*", dan ghamlitu ghax kien fadal talbiet li kienu ghadhom mhux decizi, u li allura kellhom l-ewwel jigu decizi mill-ewwel Qorti qabel konsiderazzjoni minn din il-Qorti li hi essenzjalment qorti ta' revizjoni. Din il-Qorti ma tat ebda ordni, kif tasserixxi s-socjeta` konvenuta, biex l-ewwel Qorti tisma' l-provi dwar dak li kien fadal x'jigi deciz. Din il-Qorti ordnat biss li l-ewwel Qorti tipprocedi skont il-ligi, u jekk dik il-Qorti hasset li ma kellhiex tisma' provi fuq il-meritu u li kienet f'sitwazzjoni li tiddeciedi fuq it-tielet eccezzjoni u fuq it-tielet kontro-talba

tas-socjeta` konvenuta, ma kienetx qed tmur kontra d-direzzjoni ta' din il-Qorti.

Hu principju baziku ta' dritt li qorti ma ghandhiex thalli li jitressqu provi irrelevanti ghall-kaz. Darba sar qbil li *"il-meritu tat-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta u tat-tielet talba rikonvenzjonali jitratta meritu li gie trattat u deciz fil-proceduri arbitrali gewwa Monaco"* (ara verbal tal-partijiet tal-1 ta' Lulju, 2008, quddiem l-ewwel Qorti), u darba bhala ligi, f'kawza ta' esekuzzjoni ta' sentenza jew lodo arbitrali estera, mhux koncess li l-meritu jigi diskuss mill-gdid, ghamlet sew l-ewwel Qorti li ddecidiet li ma tismaghx provi dwar it-tielet eccezzjoni u t-tielet talba rekonvenzjonali. Is-smiegh ta' provi in konnessjoni ma' dawn l-ilmenti kien immaterjali ghad-decizjoni tal-kaz, li ma kienx kaz dwar il-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, izda biss kaz ta' ezekuzzjoni ta' decizjoni estera. Kien gia` gie deciz minn din il-Qorti li l-lodo arbitrali ma jmurx kontra l-ordni pubbliku Malti u li ma kienx hemm ksur tar-regoli tal-gustizzja naturali waqt l-arbitragg u fil-lodo arbitrali, u gie deciz ukoll li ma kienx minnu li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex zmien sufficjenti biex tipprepara d-difiza taghha quddiem l-arbitru. Kwindi, kien ikun ghal kollox inutili li l-ewwel Qorti tisma' provi fuq l-allegazzoni li l-kaz taghha gie "*ghal kollox injorat u skartat fl-istess lodo*". Li l-process kollu quddiem l-arbitru segwa d-dettami tal-gustizzja naturali hu kaz maghluq, u kull "prova" ohra kienet totalment irrilevanti.

Fid-dawl tal-premess, kienet flokha wkoll id-decizjoni tal-ewwel Qorti li tirrifjuta li tissopprassjedi pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali mressqa mis-socjeta` konvenuta wara din id-decizjoni tal-ewwel Qorti. Is-socjeta` konvenuta qed tilmenta mill-fatt li "*giet imcahhda mid-dritt li tressaq dawk il-provi in sostenn tal-pretensjoni taghha*", pero`, kif gia` intqal, la darba l-provi li xtaqet tressaq kienu irrilevanti ghall-fini tal-meritu <u>ta' din il-kawza</u>, ma jistax jinghad li hi kellha xi forma ta' "dritt" tressaq il-provi li riedet.

Wiehed irid ifakkar li meta parti tressaq rikors kostituzzjonali b'ilment dwar il-procedura adottata mill-

Qorti waqt smiegh ta’ kawza, dik il-Qorti li tkun qed tisma’ l-kawza mhux tenuta tissoprassjedi pendenti l-ezitu ta’ dawk il-proceduri kostituzzjonali. Is-soprassjoni hija obbligatorja li ssir f’kaz biss li Qorti taccetta li hi taghmel referenza kostituzzjonali fuq punt sollevat minn parti fil-kawza. Jekk ma ssirx talba ghal riferenza, izda minflok, parti tressaq sua sponte rikors ta’ indole kostituzzjonali, hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti aditta mill-kawza fil-meritu tissoprassjedix jew le. F’dan il-kaz, mehuda c-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ezercitat sew id-diskrezzjoni taghha meta rrifjutat li tissopprassjedi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Mifsud v. Onor. Prim Ministru**, deciza fl-20 ta’ Lulju, 1994.

“Is-sopprassessjoni hija, minnha nnifisha mizura eccezzjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta’ kawza b’mod billi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata’fi zmien ragonevoli.”

Is-socjeta` konvenuta tosserva li hi kellha kontro-talba li kellha tigi diskussa. Ghalkemm din il-Qorti mhux se tghid li f’kawza ta’ din ix-xorta ma jistghux jitressqu talbiet rikonvenzjonali, jibqa’ l-fatt li l-procedura tal-kontro-talba ma tistax tintuza biex jerga jinfetah il-meritu deciz b’decizjoni li taghha jkun qed jintalab l-enforzar f’Malta. Is-socjeta` konvenuta tghid li l-kontro-talba kienet intenzjonata biex jigi dikjarat li hi “*ghandha thallas somma ferm inferjuri minn dik imsemmija fil-lodo*” (ara n-nota tas-socjeta` konvenuta tat-28 ta’ Ottubru 2010), pero`, kif rajna, dan ma tistax taghmlu f’dawn il-proceduri, hlief kieku jigi allegat li mid-data tal-lodo sar xi pagament akkont in esekuzzjoni tal-istess lodo liema allegazzjoni qatt ma saret f’dan il-kaz.

La darba hemm gudikat, il-Qorti ta’ Malta ma tistax terga’ tidhol fil-kwistjoni tal-ammont kanonizzat.

Ghar-rigward tal-aggravju tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-sentenza finali, hawn ukoll din tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma semghetx provi fir-rigward u lanqas ma tatha cans tittratta l-kawza finalment. Fuq dan l-aggravju, din il-Qorti tinnota, ghal darba ohra, li ma kienx

il-kompitu tal-ewwel Qorti li terga’ tiftah is-smiegh fil-meritu, u ma kellhiex provi x’tisma’. Dwar ic-“cans” ghall-finali trattazzjoni, jigi rilevat li waqt l-udjenza tad-29 ta’ April, 2010, meta l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghas-soprassessjoni (li qisietha talba “*frivola u vessatorja*”), il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-4 ta’ Gunju, 2010. La f’dik l-udjenza lanqas fil-gimghat sal-ghoti tas-sentenza, ma kien hemm xi talba biex, qabel l-ghoti tas-sentenza, il-meritu jigi trattat finalment. Parti f’kawza ma tistax, wara li tonqos li tuzufruwixxi ruhha mill-opportunitajiet ghad-dispozizzjoni taghha, tilmenta mill-fatt li ma kellhiex cans tressaq id-difiza taghha.

Kwindi l-aggravji kollha tas-socjeta` konvenuta qed jigu michuda, anke peress li huma inammissibbli f’kawza ta’ din ix-xorta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appellipprezentat mis-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenzi u d-digriet tal-ewwel Qorti li minnhom sar l-appell.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------